Minn l-istess stamperija *Oxford University Press* ta' Londra qegħdin joħorġu l-kotba ta' l-Iskejjel Elementari tal-Gvern: *"Qabra ta' Ward minn E. B. Vella"*. S'issa ħarġu sitt kotba (il-biċċa l-kbira din is-sena), tnejn għat-tfal iż-żgħar (infants) u l-erbgħa l-oħra għall-ewwel erba' klassijiet. Dawn il-kotba, kollha kienu stampati qabel hawn Malta, biċċa fl-*Empire Press* u biċċa fl-istamperija tal-*Malta Chronicle*, u kienu ngħataw f'idejn it-tfal, faxxikli, faxxikli, malli daħal il-Malti fl-iskejjel. Issa, miġbura f'kotba, stampati mill-aħjar, bi stampi sbieħ u, biċċiet minnhom, bil-kulur, barra mill-kitba mżewqa tagħhom, fihom daqqa ta' għajn sabiħa! B'kollox, dawn l-ewwel sitt kotba jġibu 544 faċċata ta' qari sabiħ u, fl-istess ħin, imdaqqas għall-ħtiġijiet tat-tfal skond il-klassi li għaliha kull wieħed minnhom hu maħsub.

Dawn il-kotba huma maħsubin għal l-iskejjel u mqassmin u mdaqqsin, kif ġa għedna, tarġa ogħla mill-oħra u miġburin u, l-iżjed, miktubin b'sengħa ta' wieħed li għadda ħajtu fit-tagħlim tat-tfal u li jaf il-ħtieġa ta' kull daqs ta' tfal. Is-sur Vella, li issa qiegħed Londra għal kors ta' studji, għaraf jinqeda bil-qagħda tiegħu hemm biex jara ħerġin taħt għajnejh dawn il-kotba u hekk ikun jista' jagħtihom l-aħħar daqqa t'id tiegħu ta' mgħallem.

*Il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti* ma tistax ma tifraħx meta tara kotba bħal dawn miktubin bl-ortografija tagħha ħerġin dejjem: għax hekk qiegħda tara dejjem jitwettaq il-ħsieb ewlieni tagħha: l-Ilsien Malti maħbub u meqjum minn kulħadd u miktub b'ortografija tajba, ortografija waħda.

F. S. C.

---

—Imħabba fin-nuqqas tal-wisa' kellna nħallu, kontra qalbna, għal darb'oħra xi artikoli li xtaqna li nġibuhom f'din il-ħarġa fosthom *"Ħasibha tard"* tas-sur Ivo Muscat Azzopardi u *"Taħbit u Ferħ ta' Ħajja"* ta' Ġużi Chetcuti.

# OTTUBRU

Il cader d'ogni foglia
mi ricorda il cader d'una speranza
(A. Gazzoletti)

Ottubru tiegħi, ħlas in-niket, ejja,
ejja għal bewset is-sliema; ejja fi ħdani
ħa' ngħannqek miegħi bħala tfajjel ħelu
li jaf l-hena tad-dmugħ. Għandi ġe' qalbi
kulma tħoss Int: għandi ġe' fija l-karba,
il-karba mdejqa li sa fommi tasal
u terġa' lura ta' sikwit; nitniehed
waħdi, waħdi fis-skiet; u qatt ma jżernaq
darba, jew jidlam, li ġe' baħar iswed
ma nħossnix mgħarraq ta' xewqat u tama.
Tfajjel, agħdirni: jiena nħobbok.... Imma
x'ġagħlek titgħarras mal-Ħarifa w magħha
taqsam il-ferħ u l-hemm? Għidli, jewwilla
ma rajthiex isbaħ ir-Rebbiegħa, t-tfajla
tal-ward u tat-tbissim? Qalbi tgħidhuli:
Inti tixbahni, ja ħabib! Hekk jiena
bħalek, fil-milja ta' żgħużiti, kmieni
ma' tfajla li taf tħobb u li taf tgħanni
tgħarrast. Jisimha din il-qalb ta' qalbi
Poeżija! Xi trid? Mhix għanja w sbejħa
daqs tfajliet oħra li xi wħud iħobbu:
imma jien ingħożżha; w kemm indum fid-dinja
ma nibdilha ma' ħadd! Tixbah, Ottubru,
lil għarustek għarusti, u mal-Ħarifa
tiegħek taqbel ukoll. Bħalha mis-siġar
ta' ħajti tiġbor waħda waħda l-weraq
mitbiel, niexef, safrani; u bħalha tgħoddli
waħda waħda t-tamiet li jinxfu u jaqgħu
minn qalbi msejkna ta' kull jum fuq l-art.

R. P.

26 ta' Ottubru 1935.